

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-18 ta' Novembru 2015 – FH vs Il-Parlament**

(Kawża F-26/15) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Remunerazzjoni — Allowance ta' installazzjoni — Artikolu 5(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal — Assenjazzjoni għal post ta' servizz ġdid — L-aħħar sentenza tal-Artikolu 5(4) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal — Esklużjoni tal-allowance ta' installazzjoni fl-ipoteżi fejn l-uffiċjal li jkollu dritt għall-allowance tad-dar huwa assenjat fil-post fejn il-familja tiegħu tirrisjedi — Neċessità ta' allowance tal-uffiċjal mal-familja tiegħu fil-post ta' assenjazzjoni — Separazzjoni ta' fatt tal-konjuġi — Konsegwenzi — Inapplikabbiltà tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 5(4) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal)*

(2016/C 007/46)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: FH (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: O. Caisou-Rousseau u N. Chemaï, aġenti)

### Suġġett tal-kawża

Talba sabiex tiġi annullata d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba tar-rikorrent li jitħallas l-allowance ta' installazzjoni, wara ċ-ċaqliq tiegħu mill-Jemen lejn Brussell, fejn jirrisjedi mal-konjuġi tiegħu, li huwa sseparat minn magħha, kif ukoll it-talba li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lir-rikorrent dan l-allowance ta' installazzjoni flimkien mal-interessi.

### Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-15 ta' April 2014 li permezz tagħha l-Parlament Ewropew ċaħad it-talba ta' allowance ta' installazzjoni mressqa minn FH hija annullata.*
- 2) *Il-Parament Ewropew huwa kkundannat iħallas lil FH, bħala allowance ta' installazzjoni dovuta lilu, somma li tikkorrispondi ma' xahar salarju bażiku tiegħu; din is-somma ser tinkludi l-interessi moratorji kkalkolati bir-rata stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid u applikabbli matul il-perijodu kkonċernat, miżjuda b'żewġ punti, mill-11 ta' Frar 2014 sad-data tal-pagament effettiv.*
- 3) *Il-Parlament Ewropew għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti minn FH.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 127, 20.4.2015., p. 44.